**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Marzu, 2017**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 158/2017JB2

Numru: 17

**Kirsty Stagno Navarra (K.I. 371275M)**

***vs***

**Karl Stagno Navarra (K.I.: 364770M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' Marzu 2017 fejn l-Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn tliet mija u ghaxar euro u tliet centezmi (€2,310.03) rapprezentanti kontijiet ghall-utilitajiet kollha relatati mal-fond 30, Flat 2, Triq il-Menqa, Hal Safi kif obbligat skont kuntratt ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa datat 17 ta' April, 2012. Talbet ukoll l-ispejjez, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' April 2017 (a fol 12);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 13), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma dehret ghas-smiegh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, l-Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attrici s-somma ta' €2310.03 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*